# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 1015/2011 MH**

**Illum, 31 ta' Jannar, 2018**

**Emmanuel Farrugia (ID Nru 733257M) u martu Maria Carmela Farrugia (ID Nru 510661M), Clayton Farrugia (ID Nru 541382M) u Kerby Farrugia**

**vs**

**Ronald De Brincat (ID Nru 352096M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors guramentat tal-atturi tat-18 ta' Ottubru 2011** permezz ta' liema ppremettew;

*"1.Illi b'rizultat ta'incident stradali li sehh fl-14 ta' Dicembru 2008 gewwa Triq Ghar Dalam, Birzebbugia, Daniel Farrugia li kien qieghed jsuq vettura tat-tip motor scooter bin-numru ta' registrazzjoni NJA 636 tal-marka Kawasaki ZX 6 miet fl-eta' ta' erbgha u ghoxrin sena;*

*2.Illi msemmi Daniel Farrugia li miet intestat huwa iben l-atturi Emmanuel u Maria Carmela, konjugi Farrugia u hu l-atturi Clayton Farrugia u Kerby Farrugia;*

*3.Illi l-incident in kwistjoni sehh minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku 'da parte' tal-konvenut li kien qieghed jsuq il-vettura tal-marka Peugeot 107 bin-numru tar-registrazzjoni LCC338;*

*4.Illi l-konvenut gie msejjah sabiex ihallas id-danni sofferti permezz ta' ittra gudizzjarja datata t-2 ta' Dicembru 2010 pero' baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.*

*Ghaldaqstant, l-atturi jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1.Tiddikjara illi l-mewt tal-imsemmi Daniel Farrugia fl-incident stradali li sehh fl-14 ta' Dicembru, 2008 gie kkawzat, in toto jew in parte, minhabba negligenza tal-konvenut u li l-istess konvenut huwa obbligat jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-atturi naxxenti minn dan l-incident;*

*2.Tillikwida d-danni hekk ikkawzati mill-konvenut u sofferti mill-atturi okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi;*

*3. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex jhallas lill-atturi dik is-somma illi tigi hekk likwidata minn dina l-Qorti.*

*Bl-imghax legali u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra gudizzjarja tat-2 ta' Dicembru 2010 u kif ukoll tal-ittra gudizzjarja ipprezentat kontestwalment ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-rikors guramentat.

Rat **ir-risposta guramentata tal-konvenut tal-11 ta' Jannar 2012**[1] permezz ta' liema eccepixxa:

*"1.Preliminarjament, ir-rikorrenti ghandhom jgibu prova li tissodisfa l-ligi li huma eredi tal-mejjet Daniel Farrugia;*

*2.Illi, minghajr pregudizzju ghal premess u fil-mertu, l-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tkun michuda stante li l-esponent ma kienx responsabbli ghall-incident awtomobilistiku de quo. Difatti, l-istess esponent istitwixxa proceduri gudizzjarji kontra l-istess rikorrenti fid-9 ta' Novembru, 2011 quddiem din l-Onorabbli Qorti, kif presjeduta, fl-ismijiet "Ronald Debrincat vs. Clayton Farrugia et" [Rikors Mahluf Nru. 1101/2011 LFS], liema rikors huwa appuntat ghas-smiegh ghat-13 ta' Jannar, 2012;*

*3.Illi, ghalhekk, it-tieni talba tar-rikorrenti ghandha tkun michuda wkoll stante li, fejn jirrigwarda l-esponent, ma hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti;*

*4.Illi, fi kwalunke kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-entita' tad-danni pretiz mir-rikorrenti huwa kontestat. Ghaldaqstant ir-rikorrenti ghandhom jaghmlu l-prova tad-danni skond il-ligi;*

*5. Illi t-tielet talba tar-rikorrenti ghandha wkoll tkun michuda billi l-esponent m'ghandux jigi kkundannat ihallas ebda danni lir-rikorrenti;*

*6.Salv eccezzjonijiet ohra premessi tal-ligi."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata.

[1] Fol 9 et seq

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda u l-affidavits prezentati mill-partijiet.

Rat l-atti tal-inkjesta Magisterjali mmexxija mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona dwar l-incident stradali mertu tal-proceduri tal-lum konkluz fis-6 t'Awwissu 2009[2];

Rat id-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**Rat illi l-kaz tal-lum huwa konness mal-proceduri fl-ismijiet Ronald Debrincat vs Clayton Farrugia et (Rik Gur Nru 1101/11) li llum ser tinghata sentenza dwaru wkoll.**

Rat l-atti kollha tal-kawza odjerna u u dawk tal-kawza Rik Gur Nru 1101/11.

**Ikkunsidrat:**

Il-kawza tal-lum skattat in segwitu ghal incident stradali li sehh fl-14 ta' Dicembru 2008 gewwa Triq Ghar Dalam, Birzebbugia bejn Daniel Farrugia, sewwieq ta' mutur tal-marka Kawasaki, u l-konvenut sewwieq ta' vettura tal-marka Peugeot. F'dan l-incident sfortunatament tilef hajtu Daniel Farrugia. L-atturi, u cioe' l-genituri u l-ahwa tal-istess Daniel Farrugia, intavolaw dawn il-proceduri sabiex jitolbu l-hlas tad-danni minghand il-konvenut peress li fil-fehma taghhom huwa ghandu jkun tenut unikament responsabbli ghal dan l-incident.

Minn naha l-ohra, fil-mertu l-konvenut jichad kwalunkwe responsabilta' anzi jsostni li kien proprju tort tan-negligenza u n-nuqqas t'osservanza tar-

[2] Fol 81 et seq

regolamenti tat-traffiku tad-defunt Daniel Farrugia li sehh l-incident *de quo* tant li huwa stess intavola proceduri konnessi Rik Gur 1101/11 kontra l-eredi ta' Farrugia fir-rigward. Huwa ghalhekk isostni li m'ghandux jirrispondi ghad-danni, li fi kwalunkwe kaz l-entita' taghhom hija wkoll kontestata.

## A. L-EWWEL ECCEZZJONI PRELIMINARI

Qabel kull kunsiderazzjoni ohra l-Qorti sejra tqis din l-eccezzjoni li permezz taghha l-konvenut qal li ghandha qabel xejn tingieb prova skont il-ligi li l-atturi huma l-eredi tal-mejjet Daniel Farrugia.

Fl-ewwel lok il-Qorti tinnota li ghalkemm l-atturi ndikaw b'Nota li huma pprezentaw ic-certifikat tal-mewt ta' Daniel Farrugia[3], effettivament ic-certifikat esibit kien biss dak tat-twelid. Madankollu huwa pacifiku li Daniel Farrugia tilef hajtu f'dan l-incident kif jirrizulta mill-atti tal-inkjesta Magisterjali esibita in atti.

Mir-ricerki li saru rrizulta li Daniel Farrugia miet intestat[4].

Ghalkemm ma gie prezentat ebda dokument ufficjali (ez. minn Nutar Pubbliku) li jikkonferma li l-atturi huma l-eredi universali tad-defunt Farrugia, il-konvenut stess irrikonoxxa dan l-istat ta' fatt fil-kawza konnessa Rik Gur 1101/2011 tant li huwa ntavola l-proceduri kontra Clayton Farrugia u Emmanuel u Maria Carmela konjugi Farrugia - atturi fil-kawza odjerna – bhala "eredi ta' Daniel Farrugia[5]". Fir-rigward tal-attrici rimanenti Kerby Farrugia l-Qorti tqis li ma

[3] Fol 38
[4] Fol 21 u 22
[5] Rikors guramentat proceduri Rik Gur 1101/11 fol 2 para 2

ngiebet ebda prova li tikkontradixxi l-premessa guramentata fir-rikors promotur li din hija wkoll l-eredi ta' Daniel Farrugia.

**Ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija ormai meqjusa sorvolata.**

**B. DINAMIKA TAL-INCIDENT TAL-14 TA' DICEMBRU 2008**

Tressqu diversi provi li jixhtu dawl fuq il-mod kif sehh l-incident.:

i. Fir-**rapport li gie prezentat mill-Pulizija lill-Magistrat tal-Ghassa dakinhar tal-incident** inghad li skont stharrig tal-Pulizija rrizulta li Ronald Debrincat (konvenut f'dawn il-proceduri) kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCC 338 minn Birzebbugia fi Triq Ghar Dalam lejn id-direzzjoni taz-Zejtun u hekk kif waqaf sabiex jikser lejn Triq il-Qajjenza sabiex imur Marsaxlokk, il-mutur bin-numru ta' registrazzjoni NJA 636 misjuq minn Daniel Farrugia u li kien gej mill-istess direzzjoni (u cioe' minn Birzebbugia ghaz-Zejtun), baqa' diehel fil-bieba tax-xufier bil-konsegwenza li l-mutur tilef il-kontroll u spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq filwaqt li x-xufier tal-mutur spicca taht vettura li kienet niezla fid-direzzjoni opposta – Hyundai Accent misjuqa minn Gaetano Coleiro. Daniel Farrugia tilef hajtu fuq il-post. Ronald Debrincat ittiehed l-isptar ghall-kura kemm minhabba li kien qed ibati minn *shock* kif ukoll ghax gie ccertifikat minn tabib li acceda fuq il-post li kien sofra griehi ta' natura gravi minhabba li kiser imniehru ma' l-*isteering*. Il-vettura ta' Debrincat kellha daqqa fuq il-bieba tax-xufier fejn jidher li sar l-impatt[6];

[6] Fol 27 et seq

ii. Fir-relazzjoni tieghu fl-atti tal-inkjesta Magisterjali dwar l-incident tat-traffiku in kwistjoni[7], **il-perit Mario Cassar** iddikjara li huwa mar fuq il-lok tal-incident dakinhar stess tal-incident fis-1.45pm. Huwa kkonstata li fl-accident kienet involuta vettura tat-tip motor scooter Kawasaki ZX 6 ta' kulur ahdar bin-numru NJA 636. Dan kien jinstab madwar 2.4 metri 'l boghod mill-karozza tat-tip Hyundai Accent bin-numru LCG 149 li kienet misjuqa minn Gaetano Coleiro. Il-katavru tal-vittma Daniel Farrugia kien jinsab taht il-bumper tal-karozza Hyundai Accent li kienet niezla fid-direzzjoni ta' Birzebbugia ftit 'l isfel mill-fetha li hemm quddiem Ghar Dalam. L-isfel madwar 16 il-metru, u tiela' fid-direzzjoni opposta kien hemm il-vettura l-ohra tat-tip Peugeot 107, bil-kulur abjad bin-numru LCC 338, misjuqa minn Ronald Debrincat.

Skont dan il-perit, id-dinamika tal-incident kienet li l-vettura tat-tip Peugeot kienet tiela' minn naha ta' Birzebbugia u li jidher li kienet ser iddur ghal fuq il-lemin u tidhol lejn il-junction li tiehu ghal Qajjenza/Marsaxlokk/Gas Division ta' l-Enemalta. F'dak il-waqt il-mutur misjuq mill-vittma Daniel Farrugia ipprova jaqla' lil Peugeot 107 minn fuq in-naha tal-lemin, ghalhekk minn naha ta' barra. F'dak il-punt, li kien madwar 11-il metru l-isfel minn fejn kienet tinstab il-Peugeot fil-waqt ta' l-access sar l-impatt bejn il-mutur u l-bieba tal-passiggier tal-vettura Peugeot. Il-perit ikkonstata wkoll li qabel il-punt tal-impatt kien hemm *brake marks* friski u li kienu madwar 5.5 metri twal. Fil-pjanta redatta minnu[8] dan il-perit abbina dawn il-*brake marks* mal-vettura misjuqa mill-konvenut LCC 388.

[7] Fol 60 et seq
[8] Fol 64-65

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti l-perit Cassar zamm ferm mal-pozizzjoni tieghu li l-*brake marks* riskontrati minnu kienu jappartjenu lill-vettura tal-konvenut u li ma kienx sab *brake marks* tal-mutur[9];

iii. Fir-relazzjoni tieghu fl-atti tal-inkjesta Magisterjali[10], il-perit tekniku **Mario Buttigieg**, inkarigat bhala espert mekkaniku fl-inkjesta Magisterjali, ikkonstata fost affarijiet ohra li:

(a) l-allegat incident sehh meta l-mutur misjuq minn Daniel Farrugia baqa' diehel fil-genb tal-vettura misjuqa mill-konvenut. Qabel ma sehh l-incident is-sewwieq Ronald Debrincat bil-vettura tieghu kien qed isuq mid-direzzjoni tac-centru ta' Birzebbugia u kien wieqaf f'nofs tat-triq sabiex jidhol gewwa l-inhawi maghrufa bhala tal-Qajjenza meta s-sewwieq tal-mutur baqa' diehel fil-genb tal-vettura. Bid-daqqa s-sewwieq tal-mutur tar u spicca taht il-vettura l-ohra misjuqa minn Gaetano Coleiro li dak il-hin kien qed isuq fid-direzzjoni ta' kontra Debrincat. Wara li sehh l-incident marru l-Pulizija fuq il-post fejn issejjah anke tabib li u ccertifika lil Daniel Farrugia mejjet;

(b) il-vettura ta' Gaetano Coleiro ma garrbet ebda hsarat filwaqt li dik tal-konvenut garrbet hsarat moderati. Fuq in-naha tal-lemin u cioe' fil-bieba, fil-mera tal-genb, u l-*mudguard*. Il-mutur sofra hsarat kbar kemm fuq il-*handle bar* u anke mad-dawra tal-mutur kollu;

(c) dakinhar stess tal-incident l-espert ezamina wkoll il-vettura Peugeot misjuqa minn Debrincat u sab li l-*braking system* tal-vettura kienet qed tiffunzjona tajjeb u anke d-dwal tal-vettura kienu qed jahdmu sew;

[9] Fol 59A
[10] Fol 142 et seq

(d) Triq Ghar Dalam, li fiha sehh l-incident, giet deskritta bhala wahda li tinsab fil-periferija ta' Birzebbugia u cioe' twassal il-vetturi minn Birzebbugia sal-periferija taz-Zejtun u vice-versa. Din it-triq hija wiesgha hafna u hija meqjusa bhala primarja. Hija wkoll dritta u ghalhekk, kif kompla jghid l-espert, il-vizibilita' ghas-sewwieqa mhix ristretta minn xi ostakli. It-triq hija konsiderevolment inklinata. Fil-post fejn sehh l-incident, il-wicc tat-triq huwa wiehed tajjeb ghalkemm hemm partijiet fejn hemm diversi xquq fil-wicc tat-triq. Sewwieqa li jghaddu minn din it-triq jistghu ikomplu ghaddejjin minn din it-triq jistghu ikomplu ghaddejjin bl-istess velocita' peress li din it-triq hi dritta u ma hemm l-ebda tidwir u ostaklu ghall-istess sewwieqa. Fejn sehh l-incident hemm *side road* li taghti ghall-inhawi maghrufa bhala tal-Qajjenza;

(e) il-lok fejn sehh l-incident huwa mdawwar bil-bini u skont il-*Motor Vehicle Regulations* il-velocita' ta' vettura misjuqa go nhawi bhal dawn m'ghandhiex teccedi l-velocita' ta' 80km fis-siegha;

(f) meta sehh l-incident il-wicc tat-triq kienet xotta waqt li l-kundizzjoni tat-triq kienet tajba. It-temp dakinhar kien wiehed xott;

(g) fuq il-post gie stabbilit li l-vettura bin-numru LCG 149 halliet 27.4 metri brake marks. Gie stabbilit ukoll li minn fejn sehhet il-habta ghal fejn spicca l-mutur ta' Daniel Farrugia id-distanza kienet dik ta' 16.3 metri;

(h) mill-kalkoli li ghamel dan l-espert irrizulta li Daniel Farrugia kien qieghed isuq fi Triq Ghar Dalam, Birzebbugia b'velocita' ta' 139 mili fis-siegha. Din il-velocita' setghet tigi stabbilita peress li l-mutur ta' Farrugia halla kemm skid marks u anke *gouge marks* fil-wicc tat-triq. B'konsegwenza li s-sewwieq tal-mutur qabez il-linja bajda kontinwa fejn baqa' diehel fil-vettura ta' Ronald

Debrincat, tilef il-kontroll u tar distanza ta' 16.3 metri. Id-daqqa li ha kienet tant vjolenti li ghonq il-vittma ma felahx ghal dik il-pressjoni kollha;

iv. Xehed **il-konvenut Ronald Debrincat** permezz ta' affidavit[11]. Huwa qal li fl-epoka tal-incident kellu 23 sena. Kien ilu jsuq Malta minn meta kellu tmintax il-sena, peress li bejn is-sena 2003 u 2007 kien jistudja fl-Universita' ta' Malta. Huwa spjega li nhar l- 14 ta' Dicembru 2008 nizel Malta flimkien mat-tfajla (dak iz-zmien) Alexia Portelli biex iqassmu xi rigali tal-Milied u l-inviti tal-gherusija taghhom lill-hbieb u l-qraba li kellu jsir fl-4 ta' Jannar 2009. Kien bil-karozza tieghu Peugeot 106 u bin-numru ta' registrazzjoni LCC 338.

Huwa u jsuq minn Triq Ghar Dalam gewwa Birzebbuga bil-ghan li jmorru ghand habiba taghhom lejn Marsaxlokk huwa zamm lejn il-lemin halli jkun preparat biex jikser lejn il-lemin ghal triq li taghti ghall-inhawi tal-Qajjenza. Huwa kompla hekk –

*"Kont ghaddej bil-mod, kemm kemm nitharrek. Xeghelt l-indicator biex nuri li kont se ndur. Warajja ma kien hemm had ghax iccekjajt mill-mirja. Kont lest biex indur, wieqaf, nistenna li kollox clear halli nkun nista nikser lejn il-lemin.*

*Illi sakemm kont wieqaf inhares 'l quddiem u nistenna li tinzel il-karozza li kienet gejja mid-direzzjoni opposta, qlajt daqqa qawwija minn naha tal-bieba tieghi u mad-daqqa l-karozza tieghi mxiet. B'rizultat ta' kemm kienet qawwija d-daqqa rasi nstabtet mal-isteering u n-nuccali nkiser f'ghajnejja. Imbaghad habta u sabta, rajt mutur itir. Ghalkemm kelli s-seatbelt fuqi xorta spiccajt hbatt wicci ma l-isteering bil-qawwa tal-impatt. Mad-daqqa beda hiereg id-demm minn wicci. Harist lejn Alexia li kienet qeghda bil-qeghda fis-seat tal-*

[11] Fol 197 et seq

*passiggier. Dak il-hin kull ma kont qed nara quddiemi kienet karozza wieqfa man-naha l-ohra tat-triq u persuna mimduda tahtha."*

Din il-verzjoni tikkorrobora dak li huwa xehed fl-atti tal-inkjesta magisterjali dakinhar tal-incident minn gewwa l-isptar waqt li kien ghadu fid-Dipartiment tal-Emergenza[12].

Il-konvenut xehed ukoll fl-affidavit tieghu li fl-isptar sarlu t-test biex jigi eskluz li huwa kien xorob xi alkohol, u anke kkonferma li fil-hin tal-incident huwa kien liebes is-*seatbelt*.

v. Xehdet **Alexia Debrincat**[13], illum mart il-konvenut li qalet li dakinhar tal-incident kienet pasiggiera fil-vettura li kien qed isuq zewgha u ma kienx hemm persuni ohra maghhom. F'hin minnhom huwa ried idur fi triq fuq in-naha tal-lemin taghhom. Hija kompliet hekk -

*"Beda inaqqas l-ispeed u xeghel l-indicator. Waqt li konna weqfin jien kull ma smajt kienet zeriera u daqqa. Smajt qisu irrezjar. Jien smajt din id-daqqa din giet in-naha tal-bieba ta' Ronald. X'hin sar l-impatt jien rajt xi haga tehel mal-bieba u jien ghalaqt ghajnejja, rajt mutur itir u rajtu jitgerbeb ghal go karozza, karozza gejja minn naha l-ohra. Qabel ma smajt dan l-impatt jien muturi ma rajtx. Jien nifhem li l-mutur minn naha ta' warajna gie. Nikkonferma li fil-hin ta' l-impatt il-vettura ta' zewgi kienet wieqfa, kienet bid-daqqa li tharket jigifieri iccaqalqet…Il-karozza ma ccaqilqitx pass jew tnejn iccaqalqet ftit imma ma nafx x'distanza."*

---

[12] Fol 121 et seq
[13] Fol 187 et seq

In kontro-ezami hija nsistiet li l-vettura kienet wieqfa fuq il-*lane* korretta qabel ma sehh l-incident. *"Kienet qeghda f'pozizzjoni tali li tista' ddur. Ma kinitx dritta xemgha kienet harira angulata*[14]*."*

Din ix-xhieda tikkombacja ma' dak li hija kienet xehdet fl-inkjesta magisterjali fejn kienet qalet ukoll li kemm hi kif ukoll il-konvenut kienu lebsin is-*seatbelt*[15] u li Daniel Farrugia kien liebes ukoll il-*crash helmet*[16].

vi. Xehed **Gaetano Coleiro**, li qal hekk[17] -

*"Nikkonferma li dakinhar li sehh l-incident jien kont qed insuq il-vettura Hyundai LCG 149. Passiggieri ma kienx hemm mieghi. Jien kont niezel lejn Burzebbuga. Gej mid-direzzjoni ta' Marsaxlokk. Minn fejn kont ghaddej hemm fuq in-naha tax-xellug hemm reception hall fejn izommu t-tigijiet u jien meta sehh dan l-incident kont vicin din il-villa. Meta kont niezel rajt mutur tiela wrong side. Kien ghaddej mill-karreggjata li kont ghaddej minnha jien. Kif rajtu ghidt ha nhallih jghaddi. Jien rajt dan il-mutur jinqaleb u r-ragel jitkaxkar mal-art jigifieri x-xufier tal-mutur u spicca taht il-vettura tieghi."*

Dwar il-velocita' tas-sewqan ta' Daniel Farrugia huwa qal li *"l-mutur kien gej isuq naqra."* Huwa kompla jghid li ma rax habta bejn il-mutur u karozza ghax ma ra xejn mill-incident. Il-karozza l-ohra kienet hafna aktar 'l isfel minnu. Infatti meta l-mutur inqaleb u x-xufier spicca taht il-vettura tieghu l-incident kien diga' sehh. Ir-rota ta' quddiem tal-mutur kienet mghaffga. Fil-hin li s-sewwieq tal-mutur spicca taht il-vettura tax-xhud, il-vettura kienet wieqfa ghax hu tfiha.

[14] Fol 189
[15] Fol 93
[16] Fol 94
[17] Fol 184 et seq

vii. Gew esibiti wkoll diversi ritratti tax-xena tal-incident li jkomplu jitfghu dawl fuq id-dinamika ta' dak li sehh[18].

Mill-provi suesposti l-konkluzjoni tal-Qorti hi li d-dinamika tal-incident turi li:

1. Il-konvenut flimkien mal-gharusa (llum il-mara tieghu) Alexia Debrincat kienu jinsabu fil-vettura Peugeot 107 bin-numru LCC 338 misjuqa mill-istess konvenut fi Triq Ghar Dalam Bizebbugia, direzzjoni lejn Marsaxlokk;

2. Debrincat zamm lejn il-lemin tal-karregjata bl-intendiment li jdur ghat-triq li taghti ghall-Qajjenza. X'hin wasal vicin din it-triq huwa waqaf bil-vettura u xeghel l-indicator u hu jistenna l-mument opportun li l-karreggjata opposta tkun libera mill-vetturi halli jkun jista' jaqsam ghat-triq imsemmija. F'dak il-hin il-vettura ta' Debrincat kienet kemmxejn angolata lejn il-lemin;

3. Waqt li kien wieqaf f'din il-pozizzjoni, tfacca Daniel Farrugia bil-mutur tieghu. li kien ghaddej b'velocita' pjuttost elevata. F'tentattiv li sfortunatament ma rnexxiex, Farrugia pprova jissorpassa minn naha tal-lemin il-vettura tal-istess Debrincat b'dana li huwa baqa' diehel bil-mutur b'kollox gol-bieba tax-xufier tal-vettura tal-konvenut;

4. Mal-impatt, is-sewwieq tal-mutur tilef il-kontroll tieghu u tar ghan-naha l-ohra tat-triq bil-mutur b'kollox. L-istess xufier spicca taht vettura Hyundai misjuqa minn Gaetano Coleiro li kienet gejja mill-karregjata opposta fid-direzzjoni lejn Birzebbugia. Daniel Farrugia miet fuq il-post kawza tal-griehi gravi li garrab.

---

[18] Fol 162 et seq, fol 175 et seq

5. Il-konvenut ukoll garrab griehi peress li mal-impatt rasu stabtet mal-*isteering* u nkisirlu n-nuccali f'ghajnejh. Sofra anke ksur f'imniehru.

## C. RESPONSABBILTA' GHALL-INCIDENT

Il-Qorti tibda billi tinnota li l-konkluzjoni tal-Magistrat fl-inkjesta li saret in konnessjoni mal-incident *de quo* tghid hekk[19] –

*"Illi mir-rapporti tal-esperti hemm qbil, li jsib l-aderenza tal-Magistrat Inkwirenti li seta' jikkonsulta d-dinamika tal-incident fuq il-post flimkien mal-esperti, li l-incident sehh minhabba fatturi u tortijiet li huma attribwibbli lis-sewwieq tal-mutur li sfortunatament miet kawza ksur fl-ispina dorsali ('due to fractured spine' kif jinghad fir-rapport tal-awtopsja). L-esperti huma konkordi fil-fatt li l-incident fatali sehh meta s-sewwieq tal-mutur li kien qieghed isuq il-mutur b'velocita' ben oltre il-limiti konsentiti u b'riskju ghalih u l-utenti l-ohra tat-triq ghamel sabiex jissorpassa mill-lemin (u cjoe minn naha ta' barra) il-vettura Hyundai li kienet wieqfa biex tidhol fi Triq Qajjenza fuq il-lemin taghha u tistenna l-Peugeot li kienet niezla mid-direzzjoni opposta fid-direzzjoni ta' Birzebbugia. Irrizulta wkoll fil-manuvra ta' surpass is-sewwieq tal-mutur oltrepassa il-linja tat-triq habat fil-bieba tal-Hyundai u spicca tar ghal taht il-vettura Peugeot."*

Din il-Qorti wara li ezaminat l-atti kollha ma tistax hlief tikkondividi ma' din il-konkluzjoni tal-Magistrat Inkwirenti u cioe' li l-incident sehh unikament tort tas-sewwieq tal-mutur Daniel Farrugia, illum defunt. In sostenn ta' din il-konkluzjoni jigu sottolineati s-segwenti osservazzjonijiet:

[19] Fol 81 et seq

1. In vista tad-deskrizzjoni tal-lok tal-incident, Daniel Farrugia certament kellu vizwali tajba ta' dak li kien qieghed jigri quddiemu fit-triq. Huwa prezunt ghalhekk li waqt li kien qieghed javvicina l-vettura ta' Debrincat huwa seta' jara li din il-vettura kienet wieqfa, angolata u bl-*indicator* juri lejn liema naha kienet ser iddur;

2. Rinfaccjat b'din il-vizwali, kien jinkombi fuq Farrugia li jevalwa l-idoneita' o meno ta' kwalunkwe manuvra li huwa kien qieghed jikkontempla li jaghmel. Dan sabiex la jpoggi lilu nnifsu u lanqas ohrajn f'periklu;

3. Gie muri li Farrugia ghazel il-manuvra tas-sorpass, l-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq (*Highway Code*) jghid hekk dwarha -

***"Meta taqla' karozza ohra***

*181. Qatt taqla' vettura ohra qabel MA TKUN CERT li tista' taghmel dan minghajr periklu ghalik jew ghal haddiehor.....*

***Aqla' minn naha tal-lemin***

*182. Din ir-regola mhux necessarjament tapplika fic-cirkustanzi li gejjin:-*

- *Meta min ikun isuq vettura quddiemek ikun ghamel sinjal li se jdur fuq il-lemin u tkun tista' taqilghu bla periklu mix-xellug minghajr ma tkun ta' nkonvenjenza ghat-traffiku l-iehor, jew meta tkun se tidhol go xi trejqa fuq ix-xellug.*

- *Meta l-vetturi fil-mohdija tan-naha tal-lemin ikunu miexja aktar bil-mod minnek fi triq traffikuza.*

*183. Qabel ma taqla' aghmel is-sinjal xieraq, zomm distanza tajba izda mhux eccessiva mill-vettura li tkun qed taqla' u hu postok fil-moghdija, jew naha tat-triq adattata, kemm jista' jkun malajr wara li tkun qlajt. Tidholx f'daqqa quddiem il-vettura li tkun ghadek kemm qlajt.*

*184. TAQLAX VETTURI OHRA meta tkun qed tavvicina:-*

- *post ta' qsim ghall-pedestrians, pelican crossing jew traffic lights;*
- ***triq li taghqad m'ohra;***[20]
- *kantuniera jew liwja iebsa;*
- *il-quccata ta' gholja;*
- *post fejn il-livell tat-triq ikun se jitbaxxa u jerga' joghla f'daqqa.*

*185. TAQLAX VETTURI OHRA:*

- *fejn it-triq tidjieq;*
- *meta biex taghmel hekk iggieghel vettura ohra tohrog minn triqitha jew tnaqqas il-velocità;*
- *meta ma jkunx hemm spazju bizzejjed u fejn il-vizibiltà ma tippermettix li taghmel dan minghajr periklu;*
- *meta jkun hemm hafna vetturi wara xulxin quddiemek jew xi vettura li hi stess tkun digà qed taqla' jew li meta taqla' vettura ohra jkun perikoluz jew diffikultuz ghal dak il-hin.*

[20] Enfasi ta' din il-Qorti.

Fil-kaz **Elmo Insurance Ltd et vs Wagdi Ben Hamed et deciz fis-26 t'April 2017**[21] inghad hekk b'referenza ghall-awturi -

*"Illi Charlesworth fit-test "The Law of Negligence", pp. 78- 79, 2nd edition, jgħid illi:*

*"The driver of the overtaking vehicle, before attempting to overtake, should see that it is safe to do so… A driver should not overtake at a corner or bend … or at cross-roads. In all cases, it is the duty of the person overtaking to overtake only when he can do so without causing danger to other traffic".*

*U Gibb, fit-test "Trial of Motor Car Accident Cases", para. 77 u 78, jgħid:*

*"He should wait for a suitable opportunity before attempting the passage, and he should not attempt to pass unless he can do so with reasonable safety…"*

Fil-kaz **Alan Busuttil et vs Raymond Farrugia deciz fl-4 t'Ottubru 2011**[22]-

*"Il-konvenut li ried jissorpassa t-trakk wieqaf biex ikun jista' jikser max-xellug ma kellux xi brevett ta' immunita semplicement ghax kellu trakk wieqaf quddiemu. Hu minnu li ried isir is-sorpass izda biex isir dan is-sorpass il-konvenut refa' fuqu l-obbligu, li jiddetermina li jista' bi prudenza u ghaqal, jibda, jkompli u jittermina l-manuvra tieghu bla xkiel jew periklu ghal utenti ohra tat-triq. Kif qalet il-Qorti fil-kawza* ***Michael Balzan vs Lawrence Ciantar (App Civ 17.02.2006):***

*Huma principji maghrufa li…Kull sewwieq ghandu jzomm proper look out u r-responsabbilta` ghall-incident tigi determinata qabel xejn minn dawk il-fatturi li jkunu pprovokawh u mhux mir-rejazzjonijiet tas-sewwieqa fil mument meta jigu rinfaccjati bil-possibilita` ta' impatt.*

[21] Rik Gur 817/08
[22] Cit Nru 68/04

*Il-'proper look out' hija ferm aktar milli sewwieq ikun qed ihares il quddiem jew li jkollu vizwali cara izda s-sewwieq irid ikollu "an awareness of his immediate vicinity" u cioe li s-sewwieq irid ikun jaf x'qed jigri madwaru u mhux semplicement ihares 'il quddiem b'mod cass jew isuq bil-mod (Ara wkoll* ***P. Sptieri v. R. Caruana App 5/10/98; Maria Vella Galea v. Oreste Sammut App 5/10/98; Dr. Remigio Zammit Pace v. C. Grima App Inf. 16/5/97; A Gatt v. M. Shephard App Inf 7/5/98****). Ghalhekk kull driver irid jirregola s-sewqan tieghu skond il-kondizzjonijiet u cirkostanzi li jkun fihom, bhal ma huma l-hin tal-gurnata, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-istat tal-art, il-volum tat-traffiku u rapporti ohra kontigenti (Ara Vol XLVI pI p112). Fin-nuqqas ikollu jwiegeb ghall-imprudenza tieghu meta jsehh incident stradali.*

*Inoltre il-Qorti fil-kawza* ***Hugh Zammit nomine vs Keith Farrugia*** *(28.06.2001) f'materja ta' sorpass qalet hekk:*

*"f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabilita' ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima u immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabilita' u mhux l-ekwita' u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l incidenti". Meta wiehed jaghmel surpass dan ghandu jiehu r-responsabilita' tal-istess manuvra tieghu, u dan ifisser li persuna ragonevoli ghandha tiddesisti milli taghmel l-istess manuvra meta din tkun tista' jew ser tikkawza perikolu lill-istess sewwieq u lill-utenti l-ohra tal-istess triq, tant li f'certu cirkostanzi fuq elenkati fil-Highway Code, u kkonfermati fil-gurisprudenza nostrali, huwa imprudenti li tigi ttentata l-istess*

*manuvra. Fil-fatt f'kaz ta' dubju wiehed ghandu jiddesisti milli jaghmel tali manuvra, stante li l-prudenza hija l-bazi tas-sewqan regolat u responsabbli."*

Kif appena citat mill-gurisprudenza ma hemm ebda dubju li manuvra ta' surpass ghandha ssir b'kawtela kbira u s-sewwieq sorpassanti darba li gej minn wara jaghti attenzjoni kbira u partikolari ghal manuvri tal-vetturi precedenti lilu. Dan partikolarment f'cirkustanzi bhal dawk tal-lum fejn Daniel Farrugia kellu quddiemu vettura li ghalkemm wieqfa kienet qed tissenjala permezz tal-*indicator* li kienet behsiebha tibdel ir-rotta taghha. Farrugia kellu ghalhekk jaccerta ruhu li almenu kellu spazju bizzejjed biex seta' jwettaq tali manuvra minghajr periklu kemm ghalih kif ukoll ghas-sewwieqa l-ohra. Evidentement din il-prekawzjoni ma ttehditx tant li biex jaghmel it-tentattiv ta' sorpass tieghu Farrugia nvada wkoll il-karregjata ta' vetturi gejjin minn direzzjoni opposta peress li qabez il-linja bajda kontinwa tat-triq.

Jigi nnutat ukoll li l-paragrafu 183 tal-*Highway Code* fuq imsemmi jispecifika li qabel ma sewwieq jaghmel manuvra ta' soprass huwa ghandu jaghmel sinjal xieraq. Ma ngiebet ebda prova li tindika li almenu Farrugia kien ghamel xi sinjal sabiex jissenjala l-intendiment tal-manuvra tieghu ta' surpass.

B'zieda ma' dan, il-velocita' li gie stabbilit li kien ghaddej biha r-rikorrent tkompli titfa aktar dawl fuq il-kwistjoni tar-responsabbilta' ghal dan l-incident. Kif inghad, il-velocita' li biha kien ghaddej dan is-sewwieq kienet wahda ferm eccessiva minn dak stabbilit skont ir-regolamenti tat-traffiku. Infatti filwaqt li r-regola 127 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.11) testabilixxi li f'zona bhal dik li fiha sehh l-incident is-sewqan ma kellux jeccedi t-80km fis-siegha, id-defunt Farrugia jidher li kien qieghed isuq b'velocita ta' 223 km (139 mili) fis-siegha, u cioe' aktar mid-dopju ta' dak permissibbli skont il-ligi.

Huwa minnu li fil-kaz tal-lum il-velocita` wehidha ma hijiex meqjusa a priori bhala l-fattur ewlieni u determinanti li kkawza l-incident *de quo*. Kif inghad fil-kaz **Anna Hazzouri vs Ismail Hazzouri et deciz fit-30 ta' Gunju 2006-**

*"….hija gurisprudenza kostanti li s-sewwieq fi triq principali m'ghandux jiehu t-tort ta' incident awtomobilistiku minhabba velocita` eccessiva sakemm l-istess velocita` ma tkunx il-kawza prossima ta' dak l-incident."*

Madankollu fil-kaz tal-lum, l-aspett tal-velocita` esagerata ta' Daniel Farrugia meta mehud fil-kuntest tad-dinamika holistika tal-incident ma jistax jigi skartat tenut kont li tali velocita' certament eskalat il-periklu tat-tentattiv ta' manuvra ta' sorpass partikolarment ghax ghamlitha ferm aktar difficli biex Farrugia jikkontrolla l-mutur tieghu u jevita l-impatt mal-vettura ta' Debrincat.

**Fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet din il-Qorti tikkonkludi li l-htija ghal dan l-incident ghandha tigi attribwita unikament ghal Daniel Farrugia.**

Minn naha l-ohra l-Qorti ssib li m'ghandha tigi addebitata ebda responsabilta' lill-konvenut Ronald Debrincat fl-incident in kwistjoni. Il-vettura tieghu kienet wieqfa fil-hin tal-incident u in ottempranza mar-regolamenti tat-traffiku kellha l-*indicator* mixghul biex tissenjala l-intendiment li ddur lejn it-triq lejn il-lemin. Gie ukoll stabbilit li fil-hin tal-incident il-konvenut kien liebes is-*seatbelt* u ma kienx xurban.

Ghal kull buon fini u qabel tghaddi biex tippronunzja ruhha dwar it-talbiet tal-atturi l-Qorti sejra tindirizza b'mod specifiku xi osservazzjonijiet imressqa minnhom:

1. *L-atturi jsostnu li l-kawza prossima tal-incident kienet il-manuvra azzardata tal-intimat li dar lejn il-lemin (he cut the corner) tieghu minghajr ma osserva l-principju tal-proper lookout u ma tax kaz ghal dak li kien qed jigri madwaru u cioe' li l-mutur ta' Daniel Farrugia kien gej minn warajh*[23].

Fil-fehma tal-Qorti il-konstatazzjonijiet maghmula minnha fis-suespost ixejnu ghal kollox din it-tezi. Ghalkemm fil-fehma tal-atturi *l-ispot of impact* u l-pozizzjoni tal-hsarat li garrbet il-vettura tal-konvenut jikkonfermaw dan l-argument, il-Qorti ma ssibx li dan huwa l-kaz. Fl-ewwel lok, il-prova konkreta li tressqet u li dwarha kien hemm qbil konkordi mill-esperti nominati fl-inkjesta Magisterjali hija li fil-hin tal-impatt il-vettura tal-konvenut kienet wieqfa u mhux *in motion*. Ghalhekk mhijiex plawsibbli l-verzjoni attrici li l-konvenut qabad u dar lejn il-lemin biex jaqsam il-karreggjata. Fit-tieni lok (kif anke jirrizulta mir-ritratti esibiti, partikolarment ir-ritratt Dok 2 a fol 179) l-*ispot of impact* (kif immarkat mill-espert Mario Buttigieg) huwa proprju fejn jispiccaw il-*brake marks* u cioe' fejn hemm il-broken white lines. Dan juri li l-pozizzjoni tal-vettura tal-konvenut kienet qeghda fil-parti tajba tat-triq li kienet tippermettilha li taqsam il-linji bojod biex tmur fuq il-lemin. Finalment, ma ngiebet ebda prova li n-natura tal-hsarat subiti fuq il-vettura tal-konvenut tista' b'xi mod tikkorrobora dak li qieghed jinghad mill-atturi.

2. *L-atturi jsostnu li l-vettura tal-konvenut halliet brake marks ta' 5.6 metri skont ma xehed il-perit Mario Cassar*[24].

Dan l-argument ukoll gie ribattuta mill-provi. Kif intwera, dawn il-*brake marks* kienu tal-mutur misjuq minn Daniel Farrugia u mhux mill-vettura tal-konvenut.

---

[23] Fol 280
[24] Fol 281

Infatti nstab sett wiehed biss ta' *brake marks* u mhux tnejn. Inoltre, kif tajjeb qal ix-xhud Mario Buttigieg[25]-

*"meta ghandek ezatt il-brake mark u kif jispicca l-brake-mark ha jibda l-brix, jigifieri l-karozza zgur mhux ha thallilek brix jekk ma kienx sploda t-tyre jew dik li l-karozza bil-pjanca taghha stess li thokk mal-hajt, li f'dan il-kaz….ma kienx il-kaz. Ghandi nghid illi l-brix ha jibda ghax il-motociklist ha jwaqqa l-mutur, hemmhekk ghandek il-hadid, ghandek ir-rimm tat-tyre, eccetra, ha jibdilek il-brix li baqa' sejjer san-naha l-ohra tat-triq."*

3. *Skont l-atturi, l-konkluzjonijiet tal-espert fl-inkjesta Magisterjali Mario Buttigieg u cioe' li (a) il-vettura tal-konvenut kienet wieqfa; (b) fil-mument tal-impatt il-mutur ta' Daniel Farrugia qabez il-linja bajda kontinwa; u (c) l-mutur kien qieghed jinstaq b'velocita' ta' 139 mili fis-siegha - huma kollha fallaci.*

Ghal darb'ohra l-Qorti ma tistax tikkondividi ma dan ir-ragunament.

Dwar il-kwistjoni jekk il-vettura kinitx wieqfa jew le, l-Qorti diga' ghamlet ampja referenza ghall-provi mressqa li kollha kemm huma, fuq bazi ta' probabilta' wrew li l-vettura tal-konvenut kienet wieqfa u mhux miexja fil-hin tal-impatt. Dan mhux biss in vista ta' dak li xehdu l-konvenut u martu li kienu fil-vettura izda wkoll tenut kont tal-fatt li fil-hin tal-incident kienet zgur gejja mid-direzzjoni opposta almenu l-vettura ta' Gaetano Coleiro – fattur li jkompli jaghmilha verosimili li l-konvenut kellu necessarjament jistenna li mill-karregjata opposta ma jkunux gejjin vetturi fil-qrib qabel jaqsam ghall-lemin tat-triq.

[25] Fol 173

Dwar il-konkluzjoni li fil-mument tal-impatt il-mutur ta' Daniel Farrugia kien qabez il-linja bajda kontinwa, dan mhux biss gie stabbilit mill-esperti nkarigati mill-Qorti fl-inkjesta Magisterjali, imma anke r-ritratti stess juru dan, specjalment dawk a fol 179 u 180 li juru car li l-marki tat-*tyres* tal-mutur fil-*brake marks* joltrepassaw il-linja medjana.

Dwar il-velocita' tal-mutur fil-hin tal-incident, il-Qorti m'ghandha xejn x'izzid mal-konstatazzjonijiet elaborati u dettaljati tal-espert tal-Qorti Mario Buttigieg fl-inkjesta Magisterjali.

Isewgi li fid-dawl tas-suespost l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw ebda wahda mill-pretensjonijiet taghhom.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

**1. Tichad it-talbiet kollha tal-atturi;**

**2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut u tilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet tieghu;**

**3. L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu a karigu tal-atturi.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**

**Imhallef**

**Victor Deguara**

**Dep. Reg.**